

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażaġh għall-iżvilupp, il-benesseri u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh

(2013/C 168/03)

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQGGHIN FIL-KUNSILL:

WAQT LI JFAKKRU FL-ISFOND POLITIKU GĦAL DIN IL-KWISTJONI, B'MOD PARTIKOLARI:

1. Il-kooperazzjoni Ewropea fil-Qasam taż-Żgħażaġħ ⁽¹⁾ li tidentifika l-benesseri u l-inklużjoni soċjali bħala tnejn mit-tmien oqsma ta' azzjoni tagħha u tenfasizza l-appoġġ u l-iżvilupp tal-ħidma fost iż-żgħażaġh bħala rispons transsettorjali biex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali tal-Qafas; u li tirrakkomanda fokus miżjud fuq l-inklużjoni soċjali, is-saħħa u l-benesseri taż-żgħażaġh.
2. Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Ewropa 2020" kif approvata mill-Kunsill Ewropew li jirrikonoxxi r-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh bħala fornitur ta' opportunitajiet ta' taġlim mhux formali liż-żgħażaġh kollha.
3. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-taġlim mhux formali u informali ⁽²⁾.
4. Il-Konklużjonijiet Konġunti tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ organizzata mill-Presidenza Irlandiża, 11-13 ta' Marzu, 2013 ⁽³⁾.

WAQT LI JIBNU FUQ:

5. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, mlaqqgħin fil-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010, dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ li tappella għal fehim aħjar tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, u rwol imsaħħaħ, speċifikament fir-rigward tal-promozzjoni, l-appoġġ u l-iżvilupp tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fuq firxa ta' livelli.

JIRRIKONOXXU LI:

6. Iż-żgħażaġh jikkontribwixxu b'mod attiv għall-infrastruttura soċjali u għall-vitalità tal-komunitajiet, kemm dawk ġeografiċi kif ukoll komunitajiet ta' interess. Iż-żgħażaġh jinkludu popolazzjoni diversa u dinamika b'realtajiet, ħtiġijiet, talbiet u aspirazzjonijiet differenti. Id-demografija, il-bijografija, id-diversità, it-transizzjonijiet u l-opportunitajiet huma kwistjonijiet li jkollhom impatt dirett fuq iż-żgħażaġh, u xi drabi jiddefinixxuhom. Għalhekk, il-politika dwar iż-żgħażaġh għandha tkun waħda li tirrifletti u

⁽¹⁾ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018) (ĠU C 311, 19.12.2009, p. 1) u r-Rapport Konġunt tal-Kunsill u l-Kummissjoni tal-2012 dwar l-implimentazzjoni u l-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2010-2018) (ĠU C 394, 20.12.2012, p. 5).

⁽²⁾ ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.

⁽³⁾ 7808/13.

twieġeb għal dawn il-kwistjonijiet, tkun waħda li tagħti kemm possibiltajiet kif ukoll l-abbiltà u tippromwovi opportunitajiet indaqs liż-żgħażaġh kollha.

7. Il-"ħidma fost iż-żgħażaġh" huwa terminu wiesa' li jkopri ambitu wiesa' ta' attivitajiet ta' natura soċjali, kulturali, edukattiva jew politika minn, ma', u għaż-żgħażaġh. Aktar ma jmur, attivitajiet bħal dawn qed jinkludu wkoll l-isport u servizzi għaż-żgħażaġh. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh tappartjeni għall-qasam tal-edukazzjoni "barra mill-iskola", kif ukoll għal attivitajiet speċifiċi tal-ħin liberu ġestiti minn mexxejja taż-żgħażaġh u ħaddiema fil-qasam taż-żgħażaġh, professjonali jew volontarji. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh hija organizzata b'modi differenti (minn organizzazzjonijiet immexxija miż-żgħażaġh, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, gruppi informali jew permezz ta' servizzi taż-żgħażaġh u awtoritajiet pubbliċi). Din issir f'diversi forom u modi (pereżempju aċċess miftuħ, abbażi ta' gruppi, abbażi ta' programmi, ta' sensibilizzazzjoni u b'mod separat) u hija mogħtija forma fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew.
8. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh tiffoka fuq l-iżvilupp personali u soċjali taż-żgħażaġh u għandha portata estiża li tilħaq u tinvolvi liż-żgħażaġh abbażi tal-ħtiġijiet u l-interessi tagħhom u tieħu kont tal-ambjent tagħhom. Tali kopertura u portata tikkumplimenta reazzjonijiet politiċi oħra għaż-żgħażaġh u għalhekk il-ħidma fost iż-żgħażaġh tista' toffri liż-żgħażaġh punti ta' kuntatt, assoċjazzjoni u progress.
9. L-inklużjoni soċjali tirrikjedi appoċċ komprensiv u transsettorjali biex tiġi indirizzata n-natura multidimensjonali tal-marġinalizzazzjoni u l-esklużjoni fis-soċjetà.
10. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh għandha rwol importanti fil-prevenzjoni tal-esklużjoni soċjali u fit-tisħiħ tal-inklużjoni soċjali. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh toffri spazji u opportunitajiet ta' żvilupp għaż-żgħażaġh kollha u "hija bbażata fuq proċess ta' taġlim mhux formali u informali ⁽⁴⁾ u fuq parteċipazzjoni volontarja" ⁽⁵⁾.
11. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh u inizjattivi taż-żgħażaġh effettivi jfittxu li jagħtu s-setgħa liż-żgħażaġh u jinkoraġixxu l-parteeipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà. Hija tipprovdihom b'ħiliet, kompetenzi u esperjenzi għall-ħajja, u b'hekk timmassimizza l-fatturi protettivi li jsaħħu l-iżvilupp, il-benesseri, l-awtonomija u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh kollha, inklużi dawk b'anqas opportunitajiet.

⁽⁴⁾ Taġlim mhux formali u taġlim informali kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-taġlim mhux formali u informali (ĠU C 398, 22.12.2012).

⁽⁵⁾ Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010, dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ, paġna 3.

12. Il-ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażgħ hija impenn biex kontinwament jiġi żgurat u mtejjeb l-aqwa provvediment u Prattika għaż-żgħażgħ. Huma l-organizzazzjonijiet taż-żgħażgħ, is-servizzi taż-żgħażgħ u l-ħaddiema fil-qasam taż-żgħażgħ li qed jaħdmu mal-partijiet interessati rilevanti li għandhom jippjanaw u jwettqu l-attivitajiet u l-programmi li huma rilevanti u jwieġbu għall-interessi, il-ħtiġijiet u l-esperjenzi taż-żgħażgħ, u li huma bbażati fuq l-evidenza u li jikkonċentraw fuq l-eżiti. Ir-risultat ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażgħ għandu jkun li iż-żgħażgħ jieħdu l-akbar benefiċċju mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħidma fost iż-żgħażgħ.

JIKKUNSIDRAW LI:

13. L-Inklużjoni Soċjali għandha takkomoda u tinkludi liż-żgħażgħ kollha u l-kwistjonijiet li huma jiffaċċjaw, b'enfasi speċjali fuq dawk b'anqas opportunitajiet.

Il-potenzjal tal-ħidma fost iż-żgħażgħ li tikkontribwixxi għall-oġettivi politiċi inkluża l-inklużjoni soċjali jista' jiġi aktar ottimizzat permezz ta' approċċ ikkonċentrat fuq il-kwalità u bbażat fuq l-evidenza li jpoġġi liż-żgħażgħ fiċ-ċentru tal-ippjanar u t-tweqqi tal-forniment tal-ħidma fost iż-żgħażgħ. Dan l-approċċ jappoġġa l-parteċipazzjoni, l-iżvilupp u l-progressjoni taż-żgħażgħ b'mod li jafferma l-qawwiet tagħhom, iżid ir-reżiljenza u l-kompetenzi u jirrikonoxxi l-potenzjal tagħhom biex jibnu kapital individwali, komunalni u soċjali. Il-ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażgħ hija tema universali li hija ta' ġid għaż-żgħażgħ, ittejjeb il-prattika tal-ħidma fost iż-żgħażgħ, u tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-politika usa'.

(a) Il-ħidma fost iż-żgħażgħ tinvolvi liż-żgħażgħ matul perijodu ta' żvilupp sinifikanti fil-ħajja tagħhom, u għalhekk hija idealment pożizzjonata biex ittejjeb l-iżvilupp (personali, soċjali, edukattiv, vokazzjonali u okkupazzjonali), il-benesseri u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażgħ.

(b) Il-ħidma fost iż-żgħażgħ toffri esperjenzi u opportunitajiet għaż-żgħażgħ kollha u topera kemm bħala attivita' ta' aċċess miftuħ kif ukoll bħala appoġġ maħsub li jista' jtejjeb il-kompetenzi taż-żgħażgħ filwaqt li jindirizza l-ostakoli li jiltaqqu magħhom, u jista' jkollha rwol partikolari għaż-żgħażgħ b'inqas opportunitajiet u dawk iż-żgħażgħ li mhumieq f'impjeg, fl-educazzjoni jew ftahriġ (NEETs).

(c) L-organizzazzjoni tal-ħidma fost iż-żgħażgħ hija diversa. Din ir-rikkezza u d-diversità (settorjali, organizzazzjonali u tematika) għandha tiġi rikonoxxuta.

(d) Il-ħidma fost iż-żgħażgħ għandu jkollha pożizzjoni definita ċara dwar il-kontinwazzjoni tal-educazzjoni u tat-tagħlim tul il-ħajja u għandha tkopri l-oqsma ta' tagħlim mhux formali u informali. Din il-pożizzjoni

għandha tagħraf il-potenzjal li għandha l-ħidma fost iż-żgħażgħ biex il-ħtiġijiet taż-żgħażgħ jintlaħqu saħansitra aktar minn kemm jintahqu attwalment, u tagħti valur lir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażgħ biex tinbena soċjetà inklużiva.

(e) Approċċ ta' kwalità bbażat fuq l-evidenza jista' jkun għodda importanti biex tisahha l-aċċessibbiltà, il-viżibbiltà, l-impatt u l-effettività tal-politika u l-provvediment tal-ħidma fost iż-żgħażgħ.

(f) Il-ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażgħ tista' tinkludi sistemi ta' evalwazzjoni adatti, ibbażati fuq awto-evalwazzjoni jew evalwazzjoni bejn il-pari, u fejn fattibbli, validati b'evalwazzjoni esterna. Tali sistemi jgħinu organizzazzjonijiet, programmi u attivitajiet ta' ħidma fost iż-żgħażgħ, u jistgħu jtejjbu l-kapaċità u l-effettività organizzazzjonali, u jipprovdu ċarezza lill-pubbliku rigward l-offerta u l-impatt tal-ħidma fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażgħ.

(g) Sistemi ta' kwalità jiżguraw li l-vuċi taż-żgħażgħ hija ċentrali fit-tfassil u t-tweqqi tal-ħidma fost iż-żgħażgħ li l-organizzazzjonijiet, il-programmi u l-attivitajiet jwieġbu u huma rilevanti għall-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet taż-żgħażgħ.

(h) Sistemi ta' kwalità jgħinu lill-ħaddiema fil-qasam taż-żgħażgħ itejbu l-iżvilupp tal-prattika u l-ħiliet tagħhom billi joħlqu struttura u spazju għar-riflessjoni, id-djalogu u l-azzjoni.

(i) Il-ħidma fost iż-żgħażgħ, permezz tal-enfasi tagħha fuq l-iżvilupp personali u dak soċjali, tikkontribwixxi għal firxa ta' eżiti politiċi għaż-żgħażgħ, l-aktar notevoli fl-oqsma tal-educazzjoni u t-taħriġ, is-saħħa, l-impjeg, u l-parteċipazzjoni fil-kultura u l-isport. Waqt li jiġu rikonoxxuti l-funzjonijiet distintivi tal-ħidma fost iż-żgħażgħ, tista' ssir enfasi akbar fuq l-identifikazzjoni tal-kontribut li tista' tagħti l-ħidma fost iż-żgħażgħ f'dawn l-oqsma usa' ta' politika.

JIDENTIFIKAW IL-PRIJORITAJIET LI ĠEJJIN BIEX TIĠI ŻGURATA U MTEJBA ĦIDMA TA' KWALITÀ FOST IŻ-ŻGĦAŻGĦ GĦALL-IŻVILUPP, IL-BENESSERI U L-INKLUŻJONI SOċJALI TAŻ-ŻGĦAŻGĦ:

14. Bil-għan li jiġi żgurat li l-ħidma fost iż-żgħażgħ tkun rilevanti u twieġeb kemm għall-interessi kif ukoll għall-ħtiġijiet taż-żgħażgħ u biex jiġi ottimizzat ir-rwol tagħha fil-kontribut għall-iżvilupp, il-benesseri u l-inklużjoni soċjali tagħhom, ġew identifikati l-prijoritajiet li ġejjin:

(a) Il-promozzjoni tal-pożizzjoni kumplementari tal-ħidma fost iż-żgħażgħ fl-ispettru tal-educazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja bil-għan li jkabar l-esperjenza taż-żgħażgħ u jagħtihom l-għodda għall-ħajja.

- (b) L-appoġġ ta' allinjament akbar tal-politika taż-żgħażaġh (kif jiġu stabbiliti l-prijoritajiet), il-provvediment (kif jiġu organizzati l-organizzazzjonijiet, il-programmi u l-attivitajiet), u l-prattika (kif jitwettqu l-organizzazzjonijiet, il-programmi u l-attivitajiet) billi jiġu enfasizzati kollaborazzjoni aktar mill-qrib u skambju ta' għarfien bejn il-politika, ir-riċerka, il-prattika u l-komunitajiet taż-żgħażaġh biex jiġi żgurat rispons tal-ħidma fost iż-żgħażaġh aktar ikkordinat u bbażat fuq l-evidenza.
- (c) Il-promozzjoni ta' mekkaniżmi biex jiġi żgurat li l-ħidma fost iż-żgħażaġh tkun ibbażata fuq il-kwalità, ikkonċentrata fuq ir-riżultati u bbażata fuq l-evidenza.
- (d) L-iżvilupp ta' oqfsa ta' appoġġ ta' kwalità, inkluż għodod ta' valutazzjoni, għall-użu tal-ħidma fost iż-żgħażaġh bħala mezz li jimmassimizza l-impatt tal-iżvilupp, il-benesseri u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh. Oqfsa bħal dawn għandhom jiġu implimentati, appoġġati u kkomunikati kif adatt u jinvolvu lill-partijiet interessati kollha inkluż iż-żgħażaġh.
- (e) Ħidma li tiżgura li inizjattivi ta' ħidma fost iż-żgħażaġh (provvediment u prattika) jiġu infurmati bil-vuċi u l-aspirazzjonijiet taż-żgħażaġh stess, u b'hekk jipprovdu spazju inklużiv għaż-żgħażaġh biex jiżviluppaw u jingħataw is-setgħa.
- (f) Filwaqt li jiġu rispettati l-integrità u l-impatt distintivi tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, jiġu determinati u rikonoxxuti l-ħiliet personali, soċjali u professjonali u l-kompetenzi li ġejjin mill-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħidma fost iż-żgħażaġh biex ikun jidher l-impatt tal-ħidma fost iż-żgħażaġh f'oqsma ta' politika relatati u jiġu prattikati d-dixxiplini.
- relatati pereżempju permezz tal-iżvilupp tal-evidenza tal-impatt tal-ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażaġh u billi jiġu ffaċilitati u mtejba r-rikonoxximent u l-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali fil-livelli nazzjonali u tal-UE.
18. Jinkoraġġixxu u jappoġġaw liż-żgħażaġh permezz tal-edukazzjoni, is-soċjetà ċivili u inizjattivi ta' kwalità għaż-żgħażaġh biex jipparteċipaw fil-ħajja demokratika u jagħmlu użu minn għodod eżistenti u ġodda biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politika, u b'hekk itejbu l-iżvilupp, il-benesseri u l-inklużjoni soċjali tagħhom.
19. Permezz ta' opportunitajiet u programmi ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażaġh, jipromwovu t-tagħlim esperjenzali u l-iżvilupp tal-ħiliet, inkluż ħiliet trasferibbli għaż-żgħażaġh, u r-rikonoxximent u l-validazzjoni ta' dawn il-ħiliet u l-kompetenzi.
20. Jappoġġaw is-settur taż-żgħażaġh fl-iżvilupp tal-istrutturi, il-metodi ta' ħidma u l-kanali ta' komunikazzjoni tiegħu sabiex isir kuntatt ma' aktar żgħażaġh, speċjalment dawk fir-riskju ta' esklużjoni soċjali.
21. Jistimulaw u jappoġġaw involviment immexxi mill-voluntieri fil-provvediment taż-żgħażaġh għall-promozzjoni tad-diversità, l-inklużjoni soċjali u l-bini tal-kapital soċjali.
22. Jipromwovu l-kontribut ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażaġh billi jżidu l-opportunitajiet ta' fondi biex tiġi appoġġata ħidma effettiva fost iż-żgħażaġh.
23. Iħeġġu, permezz tal-programmi rilevanti, pjattaformi u repożitorji tar-riżorsi, l-iskambju Ewropew u internazzjonali ta' prattiki tajbin, it-taħriġ, il-kisba ta' ħiliet u t-tagħlim mill-pari b'raba ta' ħidma fost iż-żgħażaġh ikkonċentrata fuq il-ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażaġh.
24. Tistabbilixxi grupp tematiku ta' esperti biex jeżamina sistemi ta' kwalità tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-Istati Membri tal-UE bil-ħsieb li jiġi esplorat kif jistgħu jiġu żviluppanti indikaturi jew oqfsa komuni. Il-ħidma ta' dan il-grupp ser tkun infurmata mill-istudju li jmiss tal-Kummissjoni Ewropea. Dan ser jilħaq il-qofol tiegħu frapport li jiddeskrivi r-rakkomandazzjonijiet li għandhom jiġu ppreżentati fil-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażaġħ. Abbozz ta' deskrizzjoni tat-termini ta' referenza ssuġġeriti u s-sħubija ta' dan il-grupp tematiku ta' esperti jinsab fl-Anness.
- JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI FL-AMBITU TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM U B'RISPETT DOVUT GĦALL-PRINĊIPJU TA' SUSSIDJARJETÀ:
15. Jipromwovu, permezz tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni, tisħiħ tar-relazzjonijiet, kemm fil-politika u l-prattika, ma' oqsma relatati maż-żgħażaġh bħas-Saħħa, l-Edukazzjoni u t-Taħriġ, l-Impjiegi, il-Kultura u l-Isport.
16. Jipromwovu, fil-provvediment u l-prattika tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, enfasi fuq il-kwalità u l-kisba ta' riżultati tal-ħidma fost iż-żgħażaġh li jikkontribwixxu għall-iżvilupp, il-benesseri u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh.
17. Jappoġġaw kollaborazzjoni akbar fost l-atturi interessati kollha tal-ħidma fost iż-żgħażaġh (b'mod partikolari r-riċerkaturi, dawk li jfasslu l-politika, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, prattikanti u żgħażaġh) biex jiddeterminaw l-impatt ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażaġh, għaż-żgħażaġh innifishom, is-settur taż-żgħażaġh u oqsma ta' politika
- JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI BIEK:
25. Tfittex li tibni fuq is-sejbiet tal-istudju li jmiss tagħha dwar is-siwi tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-identifikazzjoni ta' liema inizjattivi huma meħtieġa għall-promozzjoni ta' ħidma fost iż-żgħażaġh bbażata fuq il-kwalità u effettiva.

26. Tqis studji ta' riċerka u inizjattivi oħrajn f'dan il-qasam. Ixxerred is-sejbiet u tiżviluppa tagħlim għall-politika, ir-riċerka, il-prattika u l-komunitajiet taż-żgħażaġh, kif ukoll għal oqsma ta' politika relatati.
 27. Tikkunsidra segwitu adatt għall-istudju li jmiss dwar il-valur tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-eżitu tal-grupp tematiku ta' esperti dwar ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażaġh.
-

ANNEX

Abbozz ta' termini ta' referenza u kriterji ta' sħubija ssuġġeriti għall-grupp tematiku ta' esperti li għandu jġi stabbilit mill-Istati Membri Ewropej u l-Kummissjoni**Fini**

Li jiġu eżaminati s-sistemi ta' kwalità tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-Istati Membri tal-UE u jiġi esplorat kif jistgħu jiġu żviluppati indikaturi jew oqfsa komuni. Dan ser jinkludi deskrizzjoni tal-prattika, il-proċess u l-prodott tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-impatt tal-ħidma fost iż-żgħażaġh għall-involviment, l-iżvilupp u l-progress taż-żgħażaġh.

Sħubija

- Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'dan il-grupp tematiku ta' esperti ser tkun volontarja. L-Istati Membri jistgħu jissiehu f'kull ħin.
- L-Istati Membri għandhom jinnominaw, permezz tal-Kummissjoni, individwi b'esperjenza u għarfien espert fil-qasam tematiku. Dawk nominati ser jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali u atturi interessati oħrajn jiġu mgħarrfa bil-progress tal-grupp ta' esperti.
- Il-grupp tematiku ta' esperti jista' jistieden nominati addizzjonali għall-grupp jekk meħtieġ.
- Il-grupp tematiku ta' esperti jista' wkoll jistieden rappreżentanti ta' partijiet interessati u rappreżentanti żgħażaġh minn pajjiżi mhux tal-UE fil-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni jew programmi sussegwenti kif tikkunsidra adatt.

Proċeduri ta' Ħidma

- Il-ħidma tal-grupp tematiku ta' esperti ser jikkonċentra fuq il-kompitu u jkun marbut biż-żmien (mhux aktar minn 18-il xahar). Termini ta' referenza dettaljati u programm ta' ħidma konċiż b'riżultati li jistgħu jitkejlu u jinkisbu ser jiġu żviluppati mill-grupp.
- Ser jiġu nominati president u kopresident mill-grupp fil-laqgħa inizjali tal-grupp tematiku ta' esperti.
- Il-laqgħat kollha ser isiru fi Brussell; madankollu l-Istati Membri jistgħu jospitaw laqgħat okkażjonali, jekk mixtieq.
- Il-Kummissjoni ser tagħti appoġġ loġistiku, segretarjali u ta' għarfien espert fl-istabbiliment u t-tmexxija tal-grupp ta' esperti.
- Il-grupp ser jagħti aġġornamenti regolari fil-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażaġħ rigward il-progress.
- Ser jiġi ppreżentat rapport finali tal-grupp espert lill-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażaġħ, inklużi rakkomandazzjonijiet, biex jinforma l-iżvilupp tal-politika u l-provvediment ta' ħidma fost iż-żgħażaġh.